MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 533/2000/1

**Victoria Camilleri, f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Omar u Daniel**

**-vs-**

**Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareem**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond kuntratt pubbliku ta' separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti ppubblikat fit-30 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-Nutar Patrick Critien, anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenut obbliga ruhu li jghaddi lill-attrici *proprio et nomine*, ghaliha u ghaz-

zewg uliedha minuri, is-somma ta’ mija u hamsin liri Maltin (Lm150) fix-xahar;

Premess illi b’sentenza definittiva tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Civili) tat-2 ta’ Novembru 1994 (Citazzjoni Numru 915/89), anness mac-citazzjoni odjerna u mmarkata bhala Dok. B, l-istess manteniment tnaqqas minn mija u hamsin liri Maltin (lm150) ghal mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, b’effett mid-data ta’ l-istess decizjoni;

Premess illi l-konvenut ma hallasx regolarment dan il-manteniment dovut u fil-fatt naqas li jhallas u baqa’ arrettrati ta’ manteniment hekk dovuti lill-attrici ghall-perjodu bejn Ottubru tas-sena 1990 u Ottubru tas-sena 1995, l-istess xahrejn inkluzi;

Premess illi l-attrici *proprio et nomine* inutilment interpellat lill-konvenut u ppruvat tezegwixxi l-imsemmi kuntratt u sentenza hawn fuq imsemmija sabiex tigbor l-arrettrati tal-manteniment dovut lilha ghall-perjodu hawn fuq indikat, fil-konfront ta’ liema mandat il-konvenut holoq ostaklu ghall-esekuzzjoni tieghu;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici, ghaliha u ghall-ulied minuri tal-kontendenti, l-ammont ta’ arrettrati ta’ manteniment ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni tat-30 ta’ Marzu 1987 u s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Civili) tat-2 ta’ Novembru 1994, ghall-perjodu bejn Ottubru tas-sena 1990 u Ottubru tas-sena 1995, bl-istess xhur imsemmija inkluzi kif fuq premess;

2. Tillikwida s-somma ta’ arretrati hekk dovuta ghall-istess perjodu ta’ bejn Ottubru 1990 u Ottubru 1995, ix-xahrejn inkluzi kif fuq premess;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dak l-ammont ta’ manteniment dovut lill-attrici bhala arrettrati ai termini ta’ l-ewwel u t-tieni talba hawn maghmula;

4. Tordna ai termini ta’ l-Artikolu 381(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex parti specifikata mis-salarju tal-konvenut ekwivalenti ghar-rata ta’ manteniment dovuta mill-attrici *proprio et nomine* tigi mhallsa direttament lill-attrici *proprio et nomine* mill-persuna li maghha l-konvenut jinsab impjegat u dan sabiex taghmel tajjeb ghall-manteniment minnu dovut skond l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-2 ta’ Novembru 1994, inkluz l-arrettrati ta’ manteniment li jigi kkundannat u ordnat ai termini tat-talbiet hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fis-28 ta’ Settembru 2000 illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Fl-ewwel lok, illi stante illi din hija sentenza li nghatat fit-2 ta’ Novembru 1994, li fuqha ghaddew hames snin, ma tistax tigi esegwita kemm-il darba ma jkunx hemm il-procedura stabbilita mil-ligi ghal sentenzi li jkunu ghaddew iktar minn hames snin fuqhom skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Illi fi kwanlunkwe kaz, it-talba hija preskritta peress illi kwistjonijiet ta’ manteniment huma preskrivibbli b’hames snin skond l-artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili. Jekk hemm xi rati illi ma tapplikax ghalihom il-preskrizzjoni, pero` ghal kumplament tapplika l-preskrizzjoni kif jirrizulta;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni attrici hi tendenti ghal kundanna tal-konvenut ghal hlas ta’ arretrati ta’ alimenti. Hi l-ahhar wahda minn sensiela ta’ atti u/jew proceduri bejn il-kontendenti. Rikapitolazzjoni taghhom issegwi dan l-*iter*:-

I. 27 ta’ Marzu 1987 – Iz-zwieg taghhom gie dikjarat b’sentenza tal-Qorti bhala null u bla effett. Dan hu hekk premess fil-kuntratt li segwa;

II. 30 ta’ Marzu 1987 – Il-konvenut obbliga ruhu b’kuntratt pubbliku, atti Nutar Dottor Patrick Critien, li jivversa lill-attrici, ghaliha u ghall-ulied minuri, rata ta’ manteniment ta’ mija u hamsin lira (Lm150) fix-xahar. Dan kif ahjar spjegat fi klawsola tlieta (3) tal-kuntratt;

III. 2 ta’ Novembru 1994 – Bis-sentenza taghha l-Qorti ta’ l-Appell akkoljiet il-kontro-talba tal-konvenut odjern u irreduciet il-manteniment minn kif pattwit ghal mitt lira (Lm100) fix-xahar. Dik is-sentenza ziedet tghid “bl-istess modalijiet kif stipulati fil-kuntratt konsenswali”;

IV. 22 ta’ Frar 2000 – Fuq it-talba tal-konvenut ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 492/98 propost mill-attrici din il-Qorti, diversament presjeduta, iddeliberat illi l-ammont li fuqu saret it-talba ghal hrug tal-mandat “ma johrogx car ghax il-kuntratt jitkellem dwar obbligazzjoni ta’ hlas ta’ rati” u allura ma setax jinghata esegwibilita` taht l-Art. 253(b) tal-Kap. 12. Dan dikjarat, ghaddiet biex tirrevoka l-imsemmi mandat;

V. 20 ta’ Marzu 2000 – Konsegwenti ghal dan il-pronunzjament l-attrici ntavolat l-odjerna istanza;

Apparti r-rizervi li dina l-Qorti ghandha fir-rigward tal-fuq imsemmi pronunzjament tat-22 ta’ Frar 2000, ikun forsi opportun jekk qabel kull approfondiment iehor, jigi senjalat l-aspett li jsegwi. Fil-gurisprudenza taghna saret id-distinzjoni bejn alimenti dovuti “*jure actionis*” u dawk dovuti “*officio judicis vel legis*”;

Intqal dan a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet “**Maria Abdilla –vs- Avv. Dr. Edgar Buhagiar et *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 20 ta’ Marzu 1947 (Vol. XXXIII P II p 49);

“L-alimenti dovuti *jure actionis*, jigifieri li huma dovuti bis-sahha ta’ donazzjoni, testment jew konvenzjoni, ghandhom jigu trattati bhala kreditu veru, u allura huma soggetti ghar-regoli tal-kuntratti ... u jistghu jigu pretizi anki ghall-imghoddi. Ghall-kuntrarju l-alimenti dovuti *officio judicis vel legis* ma jistghux jigu ripetuti ghall-imghoddi hlief fil-kaz li l-kreditur ta’ l-alimenti juri motiv gust ghaliex ma ezigihomx fiz-zmien xieraq li kellu jezegihom, jew fil-kaz li huwa ghamel id-dejn biex imantni ruhu.”

Fuq l-istess binarju ta’ ragjonament, in kwantu jolqtu l-alimenti iffissati b’sentenza, hi d-decizjoni citata mill-konvenut b’nota separata a fol. 58 u minnu intiza biex taghti sostenn lill-osservazzjonijiet tieghu a fol 32. Id-decizjoni minnu riferita hi dik fl-ismijiet “**Giuseppina Gerada –vs- Antonio Gerada**”, 2 ta’ Mejju 1946, riportata a Vol. XXXII P II p 327;

Tajjeb li jinghad hawn, u dan ukoll ghall-ahjar attenzjoni u gwida tal-konvenut, illi din il-gurisprudenza, ghalkemm kostanti, f’certu zmien sar distakk minnha u ma komplietx tigi segwita. Dan avvera ruhu bis-sentenza ta’ dina l-qorti tat-30 ta’ April 1964, konfermata in Sede Appell fit-8 ta’ Jannar 1965, fil-kawza fl-ismijiet “**Marianna Gauci –vs- Nazzarena Gauci *nomine***” (Vol. XLIX P I p 31). Fiha, infatti, gie ritenut wara analisi minuzzjuz ta’ bosta sentenzi anterjuri illi l-mara mizzewga li ghandha sentenza ta’ l-alimenti kontra l-konjugi l-iehor m’hijiex impeduta titlob l-arretrati ta’ dawk l-alimenti. Sentenza tassew elaborata li l-indirizz fiha gie abbraccjat f’decizjoni ohra li rnexxielha

tirrintraccja din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**Yvonne Fenech *nomine* –vs- Francis Xavier Aquilina**”, Appell Civili, 23 ta’ Mejju 1975;

Kif thares lejha din il-Qorti, fil-kaz taghna hawn trattat, l-alimenti, anke jekk modifikati bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-2 ta’ Novembru 1994, jibqghu jafu l-origini taghhom lill-konvenzjoni intervenut bejn il-partijiet fit-30 ta’ Marzu 1987 billi kien proprju b’dan il-kuntratt li gew stabbiliti. Is-sentenza li immodifikathom ma tistax isservi biex tizvesti l-alimenti minn kif krejati bil-konvenzjoni, u allura dovuti *jure actionis*, ghall-dawk iffissati b’sentenza, u allura dovuti *officio judicis*. Tali argoment jista’ jinsilet ukoll minn dak ritenut mill-Qorti fil-kawza “**Caterina Rizzo –vs- Luigi del fu Alessandro Rizzo**” 23 ta’ jannar 1874, a Vol. VII p 24. Fiha s-sitwazzjoni kienet bl-invers ta’ l-odjerna kawza. Gie ritenut li gjaladarba kien il-kuntratt li segwa s-sentenza, allura l-alimenti kellhom jigu konsiderati “*come se fossero realmente ‘officio judicis’*”;

Gjaladarba din il-Qorti qed tikkunsidra li bis-sentenza b’kollox u nonostante li gew modifikati l-alimenti *de qua* jibqghu dovuti b’konvenzjoni, allura b’applikabilita` tar-regoli tal-kuntratti, il-konvenut, *qua* debitur ta’ l-alimenti, jibqa’ dejjem obbligat mill-gurnata tal-konvenzjoni u l-arretrati jibqghu esigibbli minghajr il-htiega li l-kreditrici (il-mara) jew kredituri (l-ulied) jirrikorru lil Qorti b’talba ghall-awtorizzazzjoni taht l-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Dan ghaliex, kif *ex-abundantia* sostenut, l-alimenti dovuti lill-mara jew lill-ulied jibqghu alimenti dovuti *jure actionis*. Sakemm ma jkunx hemm raguni ta’ estinzjoni dan hu t-titolu f’idejn il-kreditur biex jesigi l-alimenti. Allura jsegwi li gjaladarba l-kreditu gie stabbilit bil-kuntratt u mhux bis-sentenza, l-attrici ma ghandiex ghalfejn, biex titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-arretrati tal-manteniment, tirrikorri preventivament lil Qorti skond l-Artikolu 258. F’dan is-sens ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma jidhirx li tista’ tkun tenibbli, billi, kif manifest, l-procedura addottata mill-attrici mhix difettuza. Naturalment l-konvenut, kif gja ghamel fl-imghoddi meta talab il-modifika ta’ dak il-manteniment, jista’ jikkumbatti u jirrezisti fil-meritu t-talba attrici b’kull mezz idoneu li taghtih il-ligi.

Hekk fil-fatt qed jaghmel bit-tieni eccezzjoni – dik relattiva ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili. Ghalhekk issa jmiss li tigi konsiderata l-validita` ta' din l-eccezzjoni;

Tajjeb li jigi puntwalizzat mill-ewwel illi din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi kemm fil-kaz fejn il-manteniment ikun gie stabbilit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza il-preskrizzjoni, una volta verifikata, ghandha tircievi akkoljiment. Difatti l-Artikolu 2156(b) ma jaghmilx distinzjoni bejn l-ipotesi l-wahda jew l-ohra. *Ubi lex voluit, dixit*. Jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment";

Naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni din tista' tigi kumbattuta b'success bil-prova ta' l-interruzzjoni taghha. "*Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata.*" (**Vol. XIX P I p 5**). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur. Minbarra l-prova ta' l-interruzjoni l-attur ghandu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu mizuri ohra effikaci bhas-sospensjoni, ir-rinunzja, jew, addirittura, li l-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli. Ara fir-rigward id-decizjoni fl-imsmijiet "**Stuart G. Craig et –vs- George Mifsud et**", Appell, 27 ta' Marzu 1998 u r-rakkolta tas-sentenzi fiha kompendjata;

B'ezempju jista' jinghad li l-attrici ghandha ragun issostni illi s-subinciz (a) ta' l-Artikolu 2156, imsemmija mill-konvenut fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet (fol. 32), u mhux ukoll fl-Eccezzjonijiet, mhix applikabbli. Din il-Qorti fittxet u ma sabet xejn fl-atti processwali li jista' jsostni jew jissufraga lill-konvenut fl-invokazzjoni ta' dan is-subinciz. Dan jitratta minn materji li mal-fattispecji tal-kaz ma jiccentraw xejn;

L-attrici pprezentat sensiela ta' dokumenti (fol. 34 sa' fol. 51) biex issostni l-prova ta' l-interruzzjoni. Uhud minnhom

rilevanti, ohrajn le, gjaladarba tonqos il-prova tan-notifika taghhom. Invece, l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Novembru 1997 tirrizulta notifikata lill-konvenut fid-9 ta’ Dicembru 1997;

Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha (fol. 55) l-attrici tikkoncedi illi jekk talvolta l-preskrizzjoni eccepita (Artikolu 2156(b)) kellha tircievi favur din ghandha tolqot biss il-perjodu li jvarja minn Ottubru 1990 sa’ Marzu 1992. Din il-Qorti ma tifhimx il-ghala ghandha tirrestringi z-zmien sa’ Marzu 1992 u mhux ukoll almenu sa’ Novembru 1992, jekk l-ittra ufficjali giet prezentata f’Novembru 1997;

Irrizulta illi l-attrici talbet hlas ta’ arretrati ta’ manteniment limitatament ghall-perjodu bejn Ottubru 1990 u Ottubru 1995. Il-preskrizzjoni tolqot zgur il-perjodu bejn Ottubru 1990 u Novembru 1992. Dan ifisser illi ghaz-zmien kollu li jkun baqa’ – Dicembru 1992 sa’ Ottubru 1995 – b’applikazzjoni tar-rati ta’ l-alimenti dettati mill-kuntratt, u bil-modifika tas-sentenza, l-ammont komplessiv dovut lill-attrici *nomine* hu erbat elef u seba’ mitt lira Maltin (Lm4700).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fl-interess biss ta’ l-ulied minuri l-arretrati ta’ manteniment limitatament ghall-perjodu ta’ zmien bejn Dicembru 1992 u Ottubru 1995;

Tilqa’ in parte it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk qed tillikwida l-ammont dovut ghall-imsemmi perjodu fis-somma ta’ erbat elef u seba’ mitt lira Maltija (Lm4700). Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici *nomine* l-ammont hekk likwidat, bl-interessi dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza.

Tastjeni, fl-ahharnett, milli tiehu konjizzjoni tar-Raba’ Talba gjaladarba s-salarju tal-konvenut mhux maghruf,

b’dan li qed tirrizerva lill- attrici kull dritt iehor lilha spettanti skond il-ligi;

Biex tassikura li l-ammont likwidat imur fl-interess ta’ l-ulied il-qorti qed tordna li dan ghandu jigi depozitat f’isem il-minuri f’akkont ma’ xi wiehed mill-Banek lokali u l-kapital f’dan il-kont investit ma ghandux jingibed jekk mhux b’ordni tal-Qorti kompetenti.

Stante l-komplessita` tal-kawza u mehud rigward tar-rebh u t-telf subit mill-kontendenti, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ugwalment sopportati.

(ft) Philip Sciberras

_______________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_____________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur